MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1294/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Anton Agius ta' 27 sena , bin Anthony u Emanuela nee Caruana imwieled Pieta' nhar l-24 ta' April 1980 u joqghod 17 Triq Vassalli Zebbug, detentur tal-karta ta' l-Identita: 223980(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputat Anton Agius u cioe':

a) Talli nhar l-24 ta' Settembru 2007ghall-habta tal-5.30pm, fi Triq Sciortino Zebbug, ikkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla Pioneer minn vettura ta' l-

b) ghamla Ford Escsort bin-numru tar-registrazzjoni MEL728 ghad-detriment ta’ Amabile Aquilina, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur jaqbez il-mitt Lira Maltin (Lm100) u bix-xorta tal-haga misruqa;

c) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura ta’ l-ghamla Ford Escord bin-numru tar-registrazzjoni MEL728, liema hsaa ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50) izda aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-dannu tas-sid Amabile Aquilina;

d) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-gzejjer, xejntement laqa’ ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew bara minn Malta, jew xjentament, b’kull modli jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

e) Aktar talli sir recidiv b’diversi sentenzi mahruga mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat u dan anke wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikunsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi mid-dokumenti u provi migjuba quddiem din il-Qorti, u anke fuq l-ammissjoni ta' l-imputat stess jirrizulta illi huwa ikkommetta serq ta' stereo minn vettura propjeta ta' Amabile Aquilina. Madanakollu ma jidhirx li saret is-solita kwerela tal-parti offiza u dan ghar-rigward ta' l-akkuza ta' hsara volontarja kif tirrikjedi l-ligi fl-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre lanqas tressqet prova ghar-rigward ta' l-ahhar akkuza u cioe` dwar l-akkuza tar-recidiva.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt illi r-risfurtiva giet ritornata lis-sid kif ukoll u fuq kollox il-fatt illi l-imputat qieghed jaghmel l-almu tieghu sabiex jaqbad it-triq it-tajba u johrog mit-triq ta' delinkwenza u ghalhekk il-Qorti thoss illi l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita fl-ahjar interess tal-gustizzja kemm lejn l-imputat stess u kif ukoll lejn is-socjeta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 279, 280, 325(1) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u r-raba imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija liema perjodu ta' prigunerija bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma l-atti tintbghat ghand l-Avukat Generali skond il-ligi.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------